**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 28 ta' Jannar 2021

Rikors Numru: 95/2019 AL

**A B f'isimha proprio kif ukoll għan-nom u in rapprezentanza ta' binha minuri C D B, u b'digriet tad-29 ta' Mejju 2019 ġiet maħtura bħala kuratriċi ad litem ta' binha minuri C D B**

**vs**

**E (E F) G u**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi,[1] li permezz tiegħu ppremettiet:

[1] Fol. 1 - 5.

1) *Illi l-esponenti kellha relazzjoni mal-intimat E (E F) G li bdiet fis-sena 2017 u spiċċat ftit xhur wara;*
2) *Illi minn din ir-relazzjoni twieled tifel, C D B, nhar it-13 Ottubru 2018 (DOK A). Wara t-twelid tat-tarbija, l-intimat, ma riedtx jirrikonoxxi lit-tifel bħala ibnu naturali u, b'konsegwenza ta' hekk, fuq iċ-ċertifikat tat-twelid it-tifel minuri huwa indikat bħal wild missier mhux magħruf;*
3) *Illi r-rapport tal-kontendenti kien għall-esponenti wieħed esklussiv b'mod illi ma hemm l-ebda dubju dwar il-paternita' tal-wild, C Alexnader B;*
4) *Illi l-attriċi ipprezentat din il-kawza sabiex it-tifel minuri ikun magħruf bħala iben il-missier naturali tiegħu.*

*Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*i. Tiddeċiedi u tiddikjara illi E (E F) G huwa l-missier naturali tat-tifel minuri, C D B, okkorendo bl-opera ta' esperti u mezzi xjentifiċi; u*

*ii. Tordna l-korrezzjoni taċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri, C D B, billi fil-kolonni fejn hemm indikat il-konnottati relattivi għal missier il-minuri, jiġġu kanċellati l-kliem, "Unknown Father" mill-kolnna ta' l-"Isem u Kunjom Misser it-Tarbija" u jiġu sostitwiti b'isem l-intimat, E (E F) G, u dawk l-konnotati kollha tiegħu illi jirrizultaw fil-kors tas-smigħ tal-kawza; u*

*Bl-ispejjez, kontra l-intimat E (E F) G li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku,[2] fejn eċċepixxa:

1. *Illi fil-mertu l-esponent jistqarr li mhux edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;*

2. *Illi l-esponent jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji u umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha konċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex jiġi vverifikat jekk il-konvenut huwiex verament il-missier naturali tal-minuri C D B;*

3. *Illi bla ħsara għas-suespost, f'każ li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jistieden lil konvenut E G sabiex jippreżenta d-dettalji personali kollha tiegħu, permezz ta' nota li tispeċifika senjatament: (1) In-numru tal-*

[2] Fol. 9-11.

*karta tal-identita` tiegħu, (2) Ismu u kunjomu, (3) L-eta` tiegħu meta twieled il-minuri, (4) Il-post tat-twelid tiegħu, (5) Il-post ta' residenza tiegħu meta twieled il-minuri, (6) Isem u kunjom ta' missieru u (7) Jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieled il-minuri. Tali informazzjoni hija meħtiega sabiex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-minuri;*

4. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva illi l-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi C D B, a tenur tal-Artikolu 92 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

5. *Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa ma għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

6. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut E G,[3] fejn eċċepixxa:

1. *Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, jiġi rilevat illi l-proċeduri odjerni ma setgħux jiġu istitwiti qabel ma tiġi intavolata l-ittra uffiċċjali ai termini tal-Artkolu 86 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*
2. *Illi b'zieda u mingħajr preġudizzju għas-suespost dwar il-mertu, l-esponent jissottometti illi huwa minnu li hu u l-attriċi għamlu xi zmien f'relazzjoni u għalhekk jista' jkun li l-minuri C D huwa ibnu;*
3. *Illi fir-rigward tat-talbiet, u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preliminari, l-esponent ma jopponix għall-istess dment li jsiru t-testijiet ġenetiċi appoziti;*
4. *Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk jirrizulta li l-minuri huwa ibnu, l-esponent qed jirriserva minn issa li jirregola l-kura u kustodja, l-aċċess u l-manteniment tal-istess wild;*

[3] Fol. 12 - 13.

*Finalment, l-esponent qed jopponi għall-ispejjez tal-proċeduri odjerni u jikkontendi li dawn għandhom jiġu akkollati lir-rikorrenti, ġjaladarba hi naqset milli ssegwi l-proċedura idonea.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda ta' E G;

Rat l-Att tat-Twelid tal-minuri C D B bin-numru progressiv 7102 tas-sena 2018;[4]

Rat l-affidavit ta' Dr. Marisa Cassar li miegħu hemm anness ir-rapport xjentifiku tad-DNA minnha stess redatt;[5]

Rat l-atti kollha tal-proċediment, inkluz in-nota ta' E G bid-dettalji kollha tiegħu;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. *L-Azzjoni Odjerna:*

L-attriċi A B, li qiegħda taġixxi għaliha nnifisha u kif ukoll bħala kuratriċi *ad litem* għal binha minuri C D, qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara lil konvenut E G bħala l-missier naturali tal-minuri C D B, li twieled minn relazzjoni li kellhom l-attriċi u l-konvenut. L-attriċi titlob ukoll illi wara li E G jiġi kkonfermat bħala l-missier naturali permezz ta' testijiet xjentifiċi, tordna li jsiru l-korrezzjonijiet neċessarji fl-Att tat-Twelid ta' C D B, liema Att tat-Twelid iġib in-numru progressiv 7102 tas-sena 2018. Sa llum il ġurnata, il-minuri C D B huwa ddikjarat bħala iben missier mhux magħruf u għaldaqstant iġorr il-kunjom tal-omm, *ossia* B.

2. *Il-Prinċipji Legali:*

[4] Fol. 5.
[5] Fol. 29.

In tema legali jingħad illi l-Artikolu 86A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li fuqu hija bbazata din il-kawza jipprovdi illi:

***"(1) L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistgħu f'kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex tiġi stabbilita l-paternità tat-tifel u biex il-qorti tordna r-reġistrazzjoni ta' dik il-paternità fl-atti tal-istat ċivili relattivi.***

***(2) It-talba ġudizzjarja msemmija fis-subartikolu (1) tista' wkoll titmexxa mill-werrieta jew mid-dixxendenti tat-tifel jekk ikunu jeżistu l-istess ċirkostanzi bħal dawk imsemmija fl-artikolu 85."***

Referenza trid issir għall-Artikolu 100A, li jrid jinqara kontestwalment mal-Artikolu 70A subinċiz 1, li jipprovdu hekk rispettivament:

***"F'kawżi li għalihom jagħmel riferenza dan is-Sub-Titolu, il-qorti tista', mingħajr ħsara għal kull prova li jistgħu jġibu l-partijiet skont il-liġi, teħtieġ lill-partijiet biex jissottomettu għal eżamijiet kif imsemmija fl-artikolu 70A, u fl-istess mod u fl-istess ċirkostanzi."***

***"Meta tkun meħtieġa l-kjarifika tal-parentela naturali tal-wild: (a) il-konjuġi jista' jeħtieġ lill-konjuġi li wiled u lill-wild; (b) il-konjuġi li wiled jista' jeħtieġ lill-konjuġi u lill-wild; (ċ) il-wild jista' jeħtieġ liż-żewġ ġenituri; u (d) l-allegat ġenitur naturali jista' jeħtieġ liż-żewġ konjuġiu lill-wild, li jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-parentela u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti."***

3. *L-Azzjoni Odejrna b'Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali:*

It-talba tal-attriċi hekk imsejsa fuq l-Artikolu 86A tal-Kodiċi Ċivili, hija azzjoni sabiex l-minuri C D B jiġi ddikjarat bħala l-wild naturali tal-konvenut E G u li huwa jiġi ddikjarat bħala missieru.

B'referenza għall-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenut E G, dan tal-aħħar jeċċepixxi illi dawn il-proċeduri huma prematuri fis-sens illi l-attriċi qabel ma tintavola l-kawza odjerna kellha tipproċedi abbazi tal-Artikolu 86 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċjoe' ssegwi l-proċedura tal-ittra uffiċċjali għar-rikonoxximent tal-paternita' tal-minuri mnissla u mwielda barra z-zwieġ. Fir-rigward ta' din l-ewwel eċċezzjoni, l-Qorti tosserva li minkejja li din l-eċċezzjoni

ġiet issollevata mill-konvenut, dan tal-aħħar ma elaborax fuqha, filwaqt li min-naħa l-oħra l-attriċi ma ttentatx xxejjen jew tirribadixxi l-istess. Madanakollu u fi kwalunkwe kaz, il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali ma jirrizultax illi l-attriċi qatt interpellat lil konvenut ai termini ta' dan l-artikolu tal-liġi.

Il-proviso tal-Artikolu 86 tal-Kodiċi Ċivili jistipula illi:

*"Iżda wkoll it-tagħrif ta' tifel imwieled barra miż-żwieġ minn persuna li tgħid li tkun missier it-tifel, li jsir separatament mill-omm, ma jkollu ebda effett u ma jiġix reġistrat kemm-il darba omm dak it-tifel, jew il-werrieta tagħha jekk hija tkun mejta, u t-tifel innifsu jekk ikun laħaq l-età, ma jkunux ġew notifikati b'ittra uffiċjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm dikjarat li dik il-persuna tkun bi ħsiebha tapplika għar-reġistrazzjoni ta' dak it-tagħrif u l-omm, jew il-werrieta tagħha skont il-każ, u t-tifel, ma jkunux fi żmien xahrejn minn dik in-notifika permezz ta' nota preżentata fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali, qablu li ssir dik ir-reġistrazzjoni, f'liema każ dik l-ittra uffiċjali u n-nota li turi l-qbil għandhom jiġu notifikati lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li għandu jgħaddi biex jirreġistra l-imsemmi tagħrif fl-atti tal-istat ċivili relattivi:*

*Iżda meta l-omm jew it-tifel li jkollu l-età ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-reġistrazzjoni jew jibqgħu ma jweġbux fiż-żmien ta' xahrejn fuq imsemmi, kull min ikollu interess jista' jmexxi b'rikors quddiem il-qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-qorti tiddikjara li min jagħmel it-tagħrif ikun missier it-tifel u tordna r-reġistrazzjoni ta' dak it-tagħrif fl-atti tal-istat ċivili relattivi."*

Mill-qari ta' din id-disposizzjoni tal-liġi, jidher ċar li l-intendiment tal-leġislatur kien illi sabiex ikun hemm speditezza f'dawn it-tip ta' proċeduri, missier li jkollu raġunijiet serji sabiex jemmen li huwa l-missier naturali ta' iben, qabel ma jittenta jiftaħ proċeduri ta' filjazzjoni quddiem din il-Qorti, huwa jista' jipprosegwi bl-intavolar ta' ittra uffiċċjali fejn l-omm jew il-werrieta, skont il-kaz, ikollhom xahrejn zmien min-notifika sabiex jirrispondu għall-istess. F'kaz li l-omm jew il-werrieta ma jirrispondux għall-ittra uffiċċjali jew joġġezzjonaw għat-talba tal-missier, dan tal-aħħar għandu jiftaħ kawza skont il-partijiet ikkonċernati sabiex b'hekk l-Att tat-Twelid tal-wild jiġi korrett u dan wara li jiġi konfermat illi huwa verament il-missier naturali permezz ta' provi li jikkorraboraw l-istess.

F'dan l-istadju, ikun opportun illi ssir referenza għal sentenza li titratta proprju din il-kwistjoni, liema sentenza ġiet deċiza minn din il-Qorti stess kif preseduta

nhar il-25 ta' Ġunju 2020, fl-ismijiet **Ruth Aquilina et vs. John Portelli et**, fejn ingħad:

*"Din il-Qorti diġa' kellha l-opportunita' li tippronunzja l-ħsibijiet tagħha f'dan ir-rigward fis-sentenza preliminari fl-ismijiet* ***Nathalie Guazzo vs Lyndon Hunt et.***[6] *Il-Qorti kienet tal-fehma illi l-eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għandha tiġi miċħuda stante li: "Din il-procedura taht l-Artikolu 86, ghalhekk qatt ma setghet tapplika ghall-kaz odjern u dan peress fil-kaz in kwistjoni hija l-omm li ddecidiet tipprocedi b'talba gudizzjarja. Fil-fatt, l-artikolu 86 A imbaghad jaghti lok lill-omm il-wild, biex tipprocedi b'talba gudizzjarja sabiex tigi stabbilita l-paternita' tal-wild u inoltre sabiex fl-istess certifikat tat-twelid tigi rregistrata l-istess paternita'. Hekk ghamlet l-attrici qua omm, fil-kawza odjerna. Ipprevalixxiet ruhha minn dan l-Artikolu 86 biex ippromoviet il-kawza taghha biex tigi kkonfermata l-paternita' tal-wild illegitimu. Ghalhekk ma kienitx azzjoni prodotta mill-allegat missier naturali u biologiku u jsegwi li qatt ma jista' d-Direttur tar-Registru Pubbliku jippretendi li kellha tigi segwita l-procedura tan-notifika bl-ittra ufficjali, ghax il-ligi stess tippermetti dan biss fil-kaz li jkun ser jitlob kjarifika l-missier naturali u jitlob, permezz tal-ittra ufficjali, li jinbidel l-istat tal-wild, minn wiehed illegittimu ghal wiehed legittimu, li zgur mhux il-mertu ta' dan il-kaz."*

*Għalkemm il-Qorti tifhem li jkun fl-interess tal-minuri illi kwistjoni ta' dan in-natura tkun rizolta fl-iqsar zmien possibbli u mingħajr dewmien, il-liġi hija ċara. B'hekk il-Qorti tirriafferma l-pozizzjoni tagħha ġialadarba din il-proċedura hija mibdija mill-omm u l-iben u konsegwentament tiċħad l-eċċezzjoni tad-Direttur konvenut".*

Iċ-ċirkostanzi odjerni huma simili għal dawk hawn fuq imsemmija, u għaldaqstant il-Qorti ma tikkondividix l-osservazzjonijiet tal-konvenut E G illi l-attriċi kellha *in primis* u qabel ma tintavola l-azzjoni odjerna, kellha tabilfors issegwi l-proċedura tal-ittra uffiċċjali. L-Qorti terga' tikkonferma illi huwa fl-interess suprem tal-minuri li kwistjoni ta' din in-natura tiġi rizolta bi speditezza, madanakollu ma temminx li l-attriċi f'dan l-istadju għandha b'xi mod tiġi penalizzata meta huwa l-leġizlatur stess li jagħmel distinzjoni ta' kif għandha tipproċedi l-omm u l-allegat missier naturali. B'hekk il-Qorti tirriafferma l-pozizzjoni tagħha ġialadarba din il-proċedura hija mibdija mill-omm u konsegwentament tgħaddi sabiex tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut E G.

[6] Deċiza mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) nhar it-23 ta' Mejju 2019, (Ċit. Numru. 283/2016 AGV).

Nonostante s-suespost, il-Qorti temmen li wasal iz-zmien li din id-distinzjoni bejn l-ommijiet u l-allegati missierijiet, dwar kif għandhom jipproċedu ai termini tal-proviso 86 u 86A tal-Kodiċi Ċivili sabiex iben imnissel u mwieled barra z-zwieġ jiġi rikonoxxut mill-missier naturali f'kaz li dan ma jiġix rikonoxxut mit-tnejn flimkien, għandha tiġi eliminata. Fil-fehma ta' din il-Qorti, li l-obbligu tagħha huwa qabel kollox li tħares u  tipproteġi l-interessi supremi tal-minuri, dawn iz-zewġ artikoli tal-liġi għandhom jiġu amalgamati flimkien, sabiex b'hekk kemm l-omm (jew il-werrieta tagħha f'kaz li din tkun mejta jew l-iben li jkun leħaq l-eta') kif ukoll dak il-missier li jkollu raġunijiet serji sabiex jemmen li jista' jkun il-missier naturali, ikunu jistgħu fl-ewwel lok jipproċedu kontra xulxin bl-ittra uffiċċjali, u f'kaz li din il-proċedura ma tkunx ta' suċċess minħabba nuqqas ta' tweġiba jew inkella minħabba xi oġġezzjoni, jkunu konsegwentament f'pozizzjoni li jresqu talba ġudizzjarja appozita. Il-Qorti tinsab perswaza illi din proċedura tkompli tassigura iktar prattiċita' u speditezza, li tkun tinvolvi inqas spejjez legali, anke għall-ommijiet. Naturalment, il-Qorti hija konsapevoli illi jista' jagħti l-kaz li l-proċedura tal-ittra uffiċċjali ma twassal għal imkien u b'hekk xorta wieħed jispiċċa jinkorri spejjez inutli u itawwal iz-zmien minħabba l-perkors li azzjoni trid tieħu quddiem il-Qort kompetenti. Madanakollu u fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti temmen li jkun idoneju li kull omm u kif ukoll dawk l-allegati missirijiet, ikollhom l-istess rimedji ai termini tal-liġi bl-isperanza li anke huma jzommu f'moħħhom u jagħmlu ħilithom sabiex jissalvagwardjaw l-interessi tal-minuri kkonċernati.

Fir-rigward tal-mertu tal-kaz odjern, il-Qorti rat l-affidavit ta' Dr Marisa Cassar ipprezentat u debitament maħluf fit-23 ta' Settembru 2019, fejn ikkonfermat illi wara li ġabret kampjun orali tal-partijiet, irrizulta illi E G, detentur tal-Karta tal-Identita' Maltija 476076M hu l-missier naturali ta' C D B.

Kif dejjem irritjeniet il-Qorti f'kawżi ta' din in-natura, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra. Għaldaqstant il-Qorti tikkonferma li r-rekwiziti rikjesti mil-liġi sabiex l-azzjoni attriċi tirnexxi, ġew pjenament sodisfatti u b'hekk ma jezisti l-ebda dubju dwar il-paternita` tal-minuri ġialadarba huwa ppruvat bl-aktar mod ċar u inekwivoku li C D B huwa l-wild naturali tal-intimat E G. In vista ta' dan, il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' it-talbiet attriċi.

B'referenza għat-tielet u r-raba' eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, jirrizulta illi dawn ġew sorvolati. Il-Qorti tinnota illi ġiet prezentata nota fl-atti

tal-kawza,[7] li tikkonferma d-dettalji ta' E G u dawn għall-finijiet tal-Artikolu 278 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Fir-rigward tal-kunjom li għandu jassumi l-iben, il-Qorti tinnota li fl-udjenza ta' nhar l-24 ta' Novembru 2020 ġie ddikjarat mill-attriċi li hija tixtieq li l-minuri jassumi z-zewġ kunjomijiet. Min-naħa l-oħra, ma jidhirx li kien hemm ebda oġġezzjoni da parti l-konvenut.

B'mod partikolari għall-kunjom li għandu jassumi l-iben, il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 92 tal-Kodiċi Ċivili li jaqra kif ġej:

***"(1) Tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ, jekk ikun ġie magħruf b'ibnu mill-missier, jieħu l-kunjom tal-missier, li miegħu jista' jżid kunjom l-omm, diversament, jieħu kunjom l-omm:***

***-omissis-***

***Iżda wkoll, jekk ir-rikonoxximent jintalab li jsir permezz ta' talba ġudizzjarja quddiem il-Qorti kompetenti wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-proviso, it-talba opportuna sabiex wara kunjom il-missier jiġi miżjud kunjom l-omm għandha ssir lill-Qorti f'kull ħin qabel il-pronunzjament tas-sentenza. Fin-nuqqas ta' dik it-talba t-tifel jieħu kunjom il-missier:".***

Stabbilit il-qafas legali fir-rigward il-kunjom, il-Qorti tirrileva illi t-talba tal-attriċi li binha jassumi z-zewġ kunjomijiet, tista' tiġi milqugħa izda billi l-ewwel jingħata kunjom il-missier li warajh jista' jiġi inkluz dak tal-omm, u dan kif ddikjara tajjeb id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fl-udjenza tal-24 ta' Novembru 2020. Għaldaqstant, il-Qorti tordna illi C D B għandu jkun magħruf bil-kunjom tal-missier li miegħu għandu jizdied dak tal-omm, u għalhekk ikun magħruf bħala C D G B.

Fl-aħħar nett u fir-rigward tar-raba' eċċezzjoni tal-konvenut E G, li titratta l-fatt li f'kaz li fil-mori tal-proċeduri odjern jirrizulta minnu li l-minuri huwa iben il-konvenut dan tal-aħħar jirriserva d-dritt tiegħu li jirregola l-kura, kustodja, aċċess u manteniment tal-istess minuri, il-Qorti mhux sejra tieħu konjizzjoni tal-istess eċċezzjoni stante li tali kwistjoni għal fini tal-proċeduri odjerni huma rrilevanti in vista tal-fatt li din il-kawza hija ffukata solament fuq il-kwistjoni ta' paternita'.

**DEĊIDE:**

[7] Fol. 37.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenut E G u dawk tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, u tipprovdi hekk kif ġej:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tiddikjara li C D B huwa l-wild naturali tal-konvenut E G, detentur tal-Karta tal-Identita' Maltija 0476076M;

2. Tilqa' it-tieni talba attriċi u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jaffettwa l-korrezzjoni neċessarja fl-Att tat-Twelid ta'C D B, li jġib in-numru progressiv 7102 tas-sena 2018, u dan billi jiġu kkanċċellati l-kliem *'Unknown Father'* u minflok jiġi inserit isem il-konvenut E G u l-konnotati kollha tiegħu; tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jnizzel annotazzjoni fl-Att tat-Twelid ta' C D B, li jġib in-numru progressiv 7102 tas-sena 2018, sabiex jistabbilixxi illi l-minuri għandu jkun magħruf bil-kunjom 'G B'.

3. Tordna komunika ta' din is-sentenza lill-Onorevoli Ministru tal-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza Dr Edward Zammit Lewis.

Bl-ispejjez, inkluz tat-test ġenetiku redatt minn Dr Marisa Cassar, li għandhom ikunu sapportati mill-konvenut E G.